MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 12/2025-9**

**It-Tnejn, 17 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fit-3.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina– Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsillier Mario Portelli jinsab indispost.

12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 11/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

12.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

12.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 11/2025-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum iż-Żebbuġ 2025 is-Sindku propona li l-Ġimgħa, 25 t'April jitellew il-bnadar u jitħawlu siġar mit-tfal ta' l-iskola Primarja, filgħaxija issir is-serata fil-Każin. Is-Sibt tiġi ċċelebrata quddies f'Marsalforn waqt li l-Ħadd filgħodu jsir it-tberik tal-annimali u attivitajiet għat-tfal fil-Pjazza. It-Tnejn nhar Jum iż-Żebbuġ tiġi ċċelebrata quddies ta' radd il-ħajr fiż-Żebbuġ. Is-Sindku propona u l-membri qablu li din is-sena Ġieħ iż-Żebbuġ jingħata lil Marija Cefai li tmexxi l-Korijiet. Il-Viċi Sindku propona li jingħata rikonoxximent ukoll li Għaqdiet tar-raħal. Il-membri qablu. Fuq proposta ta' Dr Marlene Cini qablu li jintramaw l-pavaljuni fil-Pjazza mill-Għaqda ta' l-Armar. Is-Sindku nfurmhom li l-Kunsill applika għal fondi Kulturali taħt il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

12.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu li f'għeluq is-sena ta' din il-leġislatura jinħareġ fuljett u jitqassam fid-djar.

12.3.3 Informa lill-membri li s-shower tax-Xwejni qed jingħalaq fil-5 ta' filgħaxija fix-Xitwa. Għalhekk propona li jsir fuq barra qabel ma tidħol fil-ġnien. Il-Viċi Sindku propona li jsir shower ieħor fejn l-islip way.

## 12.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

12.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordina*

12.4.1.1 Propona u l-membri qablu sabiex jiġu nstallati *boat fenders* ma' l-islipways tal-Menqa. Għandhom jinġabru żewġ kwotazzjonijiet.

12.4.1.2 Propona u l-membri qablu sabiex jiġi organizzat *weekend break* f'Malta għar-residenti bi prezz tajjeb.

12.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

12.4.2.1 Talbet sabiex jintbgħat *cherry picker* sabiex jinżabru s-siġar ta' l-iskola. Il-membri qablu li għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa.

12.4.2.2 Talbet sabiex isir patching tajjeb fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri. Il-membri qablu.

12.4.2.3 Fakkret sabiex jinbiddlu t-tabelli tat-traffiku fiż-Żebbuġ.

12.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

12.4.3.1 Informa lil membri li hemm perikolu fejn ġiet asfaltata Triq is-Sagħtrija peress li hemm bżonn tinbena u titkaħħal filata oħra fuq il-ħajt ġa eżistenti minħabba l-perikolu. Il-membri qablu li tinbena.

12.4.3.2 Staqsa meta hi prevista li ssir l-islipway tal-Qbajjar. Is-Sindku nfurmaħ li ser jerġgħu jiġu avviċinati f'dan ir-rigward Infrastructure Malta. Propona u l-membri qablu sabiex wara li ssir jiġu nstallati l-*boat fenders* neċessarji.

12.4.3.3 Talab sabiex jiġi vverifikat jekk hemmx bżonn li jiġu mibdula jew iċċekkjati l-batteriji tal-magni ta' l-AED li għandna nstallati fil-lokalita'.

## 12.5 Skemi maħruġa mid-Direttorat għal Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy

SPI/SCI/5/25 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025
Il-membri qablu li jerġa' jiġi propost li jiġi organizzat il-Karnival f'Marsalforn bejn il-Ġimgħa, 13 u t-Tlieta, 17 ta' Frar 2026. Il-membri qablu li l-Kunsill jiffinanzja parti mis-somma sakemm s-somma ma taqbiżx l-€2,500.

SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sosten ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.
Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill ma jistax japplika għal din l-iskema u dan peress illi l-proġett li l-Kunsill diġa bbenifika minnu taħt l-istess skema għat-tiswija tal-latrina tal-Qbajjar Promenade għadu fi stat ta' implimetazzjoni u għalhekk mhux eleġibbli li japplika din is-sena. Peress li din l-iskema tagħlaq fl-24 ta' Ġunju l-membri qablu li din terġa tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex il-Kunsill jistenna l-eżitu tal-proġett ġa eżistenti.

SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalita'.
Il-membri qablu li għal din l-iskema l-Kunsill japplika għar-riġenerazzjoni ta' Pjazza l-Assunta. Din l-iskema ser tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta sa massimu ta' €100,000. Is-Sindku nforma lil membri li l-BOQ mħejjija mill-Perit tal-Kunsill tammonta għal madwar €342,000. Qablu li l-Kunsill lest li jiffinanzja 15% waqt li l-bqija l-Kunsill japplika taħt il-fondi tad-DPF. Il-membri qablu li għandha ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill rigward ir-riġenerazzjoni tal-Pjazza.

SPI/SCI/08/2025 – Espressjoni ta' Interess – Tagħna Tfal Skema Ulied il-Kunsilliera Għajnuna Finanzjarja għall-Servizzi ta' Kura tat-Tfal waqt Laqgħat Statutorji tal-Kunsill.
Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika taħt din l-iskema liema talba m'għandhiex taqbeż l-€1,700.

## 12.6 Materji Oħra

12.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li jeħtieġ li tiġi ppublikata l-offerta għal *Composite PVC railing* mill-latrina tal-Qbajjar promenade sal-Bajja tal-Qbajjar u dan għaliex il-proċess minn naħħa tal-PA inbidel u trid tinħareġ l-offerta' qabel ma jiġi ffirmat l-kuntratt mal-PA. Il-membri qablu li l-bord t'evalwazzjoni għandu jkun kompost minn chairman - William Sultana, membri – Loretta Cauchi, Daniel Galea u l-Ing. Mario Cauchi waqt li segretarju Odette Camilleri.

12.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-AKL jekk il-Kunsill hux interessat li jibdew jitħalsu l-kontijiet ta' l-ARMS mill-uffiċċju tal-Kunsill kif ukoll jinġabru l-Karti ta' l-Identita'. Il-membri qablu.

12.6.3 Inġabru tlett kwotazzjonijiet għat-tindif u żamma tal-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li tingħata lil irħas offerant għal prezz ta' €490 (VAT inc.) fix-xahar.

12.6.4 Talba mingħand J Bonnett fejn talab sabiex isiru linji sofor quddiem il-garaxxijiet fi Triq is-Sajjied. Il-membri ma qablux peress li dawn kontra l-liġi. Talab ukoll sabiex jitneħħew linji sofor minn quddiem maħżen fl-istess triq. Il-membri ma qablux.

12.6.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill irċieva ittra legali mibgħuta minn Dr Chris Said f'isem G. Cefai fejn reġa' għal darb'oħra qed jitlob sabiex jitwal b'2 metri id-double yellow line faċċata tad-dar tiegħu. Qal li mpossibli li f'dik il-parti tat-triq jipparkjaw fuq iż-żewġ naħħat. Il-Viċi Sindku qal li hu ma jibdilx il-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li dan is-sinjal ikun ta' inkonvinjent għar-resident li jgħix faċċata tiegħu u għalhekk hu wkoll jżomm l-istess pożizzjoni sakemm ir-resident tal-faċċata ma jibdilx il-fehma tiegħu. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini astjeniet minn din id-deċiżjoni waqt li l-Kunsillier Nicky Saliba propona li dik il-parti tat-triq tiġi two way ħalli G. Cefai ikun jista' jdur il-fuq. Is-Sindku nfurmah li l-Kunsill diġa propona dan lil TM iżda ma qablux. Għaldaqstant il-membri qablu li tintbgħat tweġiba bl-Avukat tal-Kunsill fejn ir-resident jiġi nfurmat li Il-Kunsill mhux ser jidħol fi kwistjonijiet bejn il-ġirien.

12.6.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li waslet stedina lis-Sindku għal 5*th meeting of the UN Forum of Mayors* ġewwa Geneva mis-6-7 t'Ottubru 2025. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiġi preżentat mis-Sindku.

12.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill ġie nfurmat mill-Inġ. Anthony Attard tal-WSC li sar ftehim bejn l-Enemalta u l-WSC fejn ser jinbidlu l-mains ta' l-ilma u drenaġġ fi Triq il-Qbajjar u wara ser tiġi asfaltata. Il-membri nnutaw il-kontenut.

12.6.8 M5/25 – F. Azzopardi proponiet sabiex meta tkun magħluqa Triq il-Forn jew l-ewwel parti ta' Triq Santa Marija l-karozzi tal-linja jgħaddu minn Triq il-Qbajjar u jdawru fil-parkeġġ tal-Qbajjar Promenade. Il-membri ma qablux peress li din il-proposta hi mpossibli li tiġi mplimentata.

12.6.9 M6/25 – J.Bezzina qed jitlob għal *reserved parking bay* fi Triq Għar Qawqla fejn l-un/loading bay tal-Calypso. Il-membri qablu li tinbgħat l-applikazzjoni lil TM.

12.6.10 M4/25 – J. Scicluna propona sabiex Triq il-Qbajjar tibqa' *one way* is-sena kollha u ssir *sleeping police* x'ħin toħroġ minn Triq Barda. Il-membri qablu li x'ħin Triq il-Qbajjar tiġi *one way* fil-bidu tas-Sajf titħalla hekk anke fix-Xitwa bħala prova.

12.6.11 Z4/25 – M. Cassar talab sabiex titnaddaf mill-ħaxix Triq is-Sellum minn fejn iċ-Ċimiterju 'l fuq. Il-membri qablu.

12.6.12 Talba mill-Uffiċċju Elettorali sabiex tingħata isem it-triq li tinsab bejn Triq il-Kaċċaturi u Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku propona li tissemma Triq Maletto. Il-Kunsilliera, Dr Marlene Cini insistit li din it-triq ġa' għandha isem u għalhekk ma hemmx bżonn li tingħata isem. Il-bqija tal-membri qablu mal-proposta tas-Sindku.

12.6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv issottomettiet verbal fil-kawża li dehret il-Qorti fil-11 ta' Frar 2025 – Pulizija vs G. Cefai. Il-membri nnotaw il-kontenut.

12.6.14 Talba sabiex jinżabar il-ġnien li hemm fi Triq il-Wied quddiem l-ispiżerija ta' Marsalforn. Il-membri qablu li dan ix-xogħol jsir mill-Għaqda tan-Nar Marija Assunta għal prezz ta' €800.

12.6.15 Talba sabiex jitpoġġew tankijiet fil-Menqa għas-sajjieda fejn jintrema' ż-żejt. Il-membri qablu li jiġu avviċinati l-Fisheries Dept.

## 12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 09/2025 għall-perjodu ta' Marzu 2025 li tammonta għal €58,815.49 ġiet approvata mill-membri preżenti .

## 12.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.30 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 22 t'April 2025 fil-4.30 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv